MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 1129/2001/1

**Dennis Burke, Pierre Mattocks u Noel Debattista rispettivament bhala President, Segretarju u Tezorier ta’ Floriana Football Club u in rappresentanza ta’ l-istess**

**v.**

**Anthony Grech Sant u martu Mary sive Moira Grech Sant**

## Il-Qorti:

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Jannar 2003. Permezz ta' din is-sentenza dik il-Qorti lliberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju wara li laqghet l-ewwel eccezzjoni taghhom fis-sens li Dennis Burke, li kien halef id-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni, ma kienx kapaci li jidher fil-gudizzju f'isem il-Floriana Football Club, bil-konsegwenza li d-dikjarazzjoni minnu guramentata ma kienitx tiswa' u ghalhekk kienet anke nulla c-citazzjoni.

**2.** Il-kwistjoni kollha bdiet b'sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet inversi [1] fid-29 ta' Marzu 2001. F'din is-sentenza dik il-Qorti kienet, wara li kkonstatat li l-konvenuti kienu baqghu kontumaci, ikkundannathom fil-kwalita` taghhom ta' President, Segretarju u Tezorier tal-Floriana Football Club u in rappresentanza ta' l-istess, ihallsu lill-atturi (konjugi Grech Sant) is-somma ta' wiehed u disghin elf mija u sitta w disghin lira (Lm91,196.00) flimkien ma' l-imghaxijiet mill-1 ta' Lulju 2001, u bl-ispejjez tal-kawza (ara kopja ta' dik is-sentenza a fol. 5 sa 7 tal-atti ta' din il-kawza).

**3.** Permezz tal-proceduri odjerni, il-Floriana Football Club qed jitlob ir-ritrattazzjoni ta' dik il-kawza deciza fid-29 ta' Marzu 2001, u dan fuq il-bazi tal-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 811, u cioe` peress li l-atturi, a nom tal-Club in kwistjoni, qed jallegaw li c-citazzjoni ma kienitx giet notifikata lil parti telliefa. Peress li din ir-ritrattazzjoni intalbet quddiem il-qorti ta' l-ewwel grad, din saret permezz ta' citazzjoni[2] -- Artikolu 815 tal-Kap. 12. Din ic-citazzjoni kellha tkun akkumpanjata minn dikjarazzjoni guramentata skond is-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 156 tal-Kap. 12 (kif kien dan is-subartikolu fiz-zmien tal-presentata).

---

[1] Citazzjoni 2237/00 JRM

[2] Ic-citazzjoni giet presentata fil-21 ta' Gunju 2001; kieku l-procedura inbdiet wara l-emendi introdotti bl-Att XXII ta' l-2005, kienet issir permezz ta' "rikors guramentat".

**4.** Ic-citazzjoni giet presentata fil-21 ta' Gunju 2001 mill-Prokuratur Legali Marie Claire Mifsud. Id-dikjarazzjoni akkompanjanti din ic-citazzjoni, intestata "Dikjarazzjoni ta' l-istess atturi nomine" tibda billi jinghad "Jesponu bir-rispett u Dennis Burke bil-gurament jikkonferma". Fuq l-istess dikjarazzjoni hemm it-timbru u l-firma tad-Deputat Registratur li amministra l-gurament lill-imsemmi Burke, fejn nizzel ukoll in-numru tal-karta ta' l-identita` tieghu. Fi kliem iehor, Dennis Burke halef dik id-dikjarazzjoni fl-istess kwalita` li fiha kien qed jidher fuq ic-citazzjoni, u cioe` bhala President tal-Floriana Football Club u ghalhekk in rappresentanza tal-istess Club.

**5.** Il-konjugi Grech Sant eccepew preliminarjament illi "l-atturi Burke, Mattocks u Debattista ghandhom igibu prova li huma President, Segretarju u Tezorier tal-Floriana Football Club u li kienu jokkupaw tali karigi fil-mument li c-citazzjoni giet presentata u fin-nuqqas, l-eccipjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju."

**6.** Kif inghad, l-ewwel Qorti laqghet din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u lliberathom mill-osservanza tal-gudizzju, u dan wara li kkunsidrat is-segwenti:

"Illi irrizulta li l-attur Burke, wara mizuri dixxiplinari mehudin fil-konfront tieghu mill-Malta Football Association, kien irtira mill-kariga ta' President tal-Floriana Football Club ghall-habta ta' April tal-2001[3]. Sakemm damet is-sospensjoni tieghu, ma kienx jista' jzomm il-kariga ta' President, u dan skond ma jipprovdi l-Istatut tal-Malta Football Association, li maghha l-Floriana Football Club huwa affiljat u li l-istatuti u r-regolamenti taghha huwa jrid ihares. Kemm hu hekk, ghat-tul taz-zmien l-attur Burke kien gie sospiz, George Carbone nghata l-hatra ta' Agent President tal-Floriana Football Club, liema hatra baqa' jzomm sakemm intemm iz-zmien tas-sospensjoni ta' Burke[4]. Is-sospensjoni ta' Burke intemmet fl-4 t'Ottubru, 2001, wara li l-Bord tal-Appelli tal-Malta Football Association[5] kien naqqas iz-zmien tas-

[3] Xhieda ta' Joseph Gauci 15.3.2002, f'pag. 47-8 tal-process
[4] Xhieda ta' George Carbone 10.4.2002, f'pagg. 112-3 tal-process
[5] Dok "JG4", f'pag. 83 tal-process

sospensjoni originali moghtija mill-Kummissarju Dixxiplinari f'April tal-2001[6];

"Illi jirrizulta wkoll li l-istatut tal-Floriana Football Club[7] jipprovdi, fost l-ohrajn, li l-amministrazzjoni u l-poteri rapprezentattivi tal-*club* huma fdati fil-Kumitat Ezekuttiv[8], li huwa r-rapprezentant legali tal-*club*[9]. Huma s-Segretarju u l-President li jhaddnu r-rapprezentanza tal-ghaqda fil-Qorti[10] jew quddiem korpi ohrajn. F'kaz li l-President ma jkunx jista' jaghmel id-dmirijiet tieghu ghal xi raguni, dawn jitwettqu mill-Vici President, li ghandu jassumi l-istess responsabbiltajiet u setghat tal-President[11];

"Illi ghal dak li jirrigwarda l-aspetti legali marbutin mal-kaz prezenti, il-Qorti hija tal-fehma li hemm zewg (2) oqsma li ghandhom jigu mistharrga. Fl-ewwel lok, (a) trid titqies l-ewwel eccezzjoni tal-imharrkin ritrattati; imbaghad (b) ghandu jitqies jekk tezistix ir-raguni mahsuba mil-ligi u specifikata mill-atturi *nomine* biex il-Qorti tista' tordna s-smigh mill-gdid tal-kawza u t-thassir tas-sentenza maqtugha f'dik l-istanza. Dawn iz-zewg oqsma jridu jitqiesu f'dik l-ordni, billi l-ewwel eccezzjoni tammonta ghal kwestjoni ta' legittimita' tal-parti fil-kawza, li hija wahda ta' natura perentorja tal-gudizzju u jehtieg, fil-kliem espress tal-ligi, li tigi deciza, b'kap ghaliha, qabel jew flimkien mas-sentenza fil-mertu[12] ;

"Illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni tal-imharrkin ritrattati, irid jinghad li bhalma fil-kawza originali l-kontradittur legittimu tal-pretensjonijiet tal-mizzewgin Grech Sant kien il-Floriana Football Club (u mhux xi ufficjali individwali fil-kwalita' personali taghhom), hekk ukoll hija l-istess assocjazzjoni sportiva li qeghda tressaq din l-istanza ta' ritrattazzjoni. Dan igib mieghu l-htiega li l-istess assocjazzjoni tkun debitament rapprezentata fil-

[6] Dok "JG2", f'pag. 78 tal-process
[7] Dokument f'pagg. 121 sa 134 tal-process
[8] Taqsima 2(a)
[9] Taqsima 2(f)
[10] Taqsima 3(d)(viii)
[11] Taqsima 3(e)
[12] Art. 730 tal-Kap 12

procedimenti gudizzjarji rilevanti, maghduda dawk tal-kawza prezenti. Il-ligi tipprovdi[13] li l-eccezzjoni tal-illegittimita' tal-persuna li tressaq kawza jew li tkun imharrka f'isem jew fl-interess ta' haddiehor ma tistax tinghata kontra xi wahda mill-persuni li jirrapprezentaw persuna msemmija fl-artikolu 180(1)(a)[14]. Fost l-ghadd ta' persuni jew enti li jissemmew f'dak l-artikolu, wiehed isib "agent jew rapprezentant ta' socjeta` ohra kostitwita skond il-ligi" li tinkludi kull socjeta li biex titwaqqaf ma tehtieg l-ebda permess specjali[15]. Minn tifsira bhal din johrog li jaqghu taht din il-kategorija dawk l-assocjazzjonijiet imwettqa bi statut bhalma sewwasew huwa l-kaz ta' Floriana Football Club;

"Illi, min-naha l-ohra, il-ligi tipprovdi li ma jiswiex dak l-att gudizzjarju li jsir minn persuna inkapaci li toqghod f'kawza u li ma tkunx awtorizzata regolarment ghaldaqshekk[16]. Minbarra l-fatt li din id-dispozizzjoni tal-ligi tolqot fis-shih l-ewwel eccezzjoni tal-imharrkin ritrattati, cirkostanza bhal din taghti setgha lill-Qorti li tqanqal il-kwestjoni wkoll *ex ufficio*;

"Illi ghalhekk, sabiex jista' jinghad li l-artikolu 786(1) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili jkun applikabbli, irid tabilfors jintwera li l-persuna li ressqet l-att gudizzjarju (f'isem il-korp legali) tkun wahda li tkun tista' toqghod f'kawza **u** li kienet debitament awtorizzata ghal dak il-ghan. Il-Qorti hija tal-fehma li, minn dak li ntwera mill-atti tal-kawza, Dennis Burke ma jissoddisfax dawn iz-zewg kwalitajiet kumulativi, u dan principalment minhabba li, fiz-zmien li tressqet ic-citazzjoni, huwa mhux biss ma kienx debitament awtorizzat biex iressaq l-att u jahlef id-Dikjarazzjoni mehmuza maghha, imma lanqas kien statutorjament jista' jidher fuq tali atti bhala l-President tal-*club* attur. Dan jinghad minhabba l-ezistenza tas-sanzjoni li l-Assocjazzjoni lokali imponiet fuqu f'dak iz-zmien. Din ic-cahda tolqot iz-zmien li fih tressqet ic-citazzjoni

[13] Art. 786(1) tal-Kap 12
[14] Ara App. Civ. **30.1.1989** fi-kawza fl-ismijiet *Borg Grech pro et noe vs Cachia* (Kollez. Vol: **LXXIII.ii.281)**
[15] Ara App. Kumm. **24.6.1960** fil-kawza fl-ismijiet *Farrugia pro et vs Grech et noe* (Kollez. Vol: **XLIV.i.402)** u l-ghaa ta' riferenzi hemm maghmula
[16] Art. 787(1) tal-Kap 12

prezenti: ma kinitx tapplika fiz-zmien li fih inghatat is-sentenza li taghha intalab is-smigh mill-gdid;

"Illi l-konsegwenza ta' dan is-sejbien hi li, allura, id-Dikjarazzjoni mahlufa mressqa mal-Att tac-citazzjoni ma tiswiex lanqas, billi, safejn tirrigwardaha, l-ewwel eccezzjoni tal-imharrkin ritrattati hija misthoqqa. Peress li ghas-siwi ta' citazzjoni hija essenzjali, fost l-ohrajn, Dikjarazzjoni mahlufa li tiswa wkoll[17], l-effett logiku daqskemm drastiku ta' din ic-cirkostanza jkun li c-citazzjoni ma tiswiex[18]. In-nuqqas ta' dan il-kalibru huwa wiehed li jgib nullita` testwali kif mahsub fl-artikolu 789(1)(a) tal-Kap 12, u mhux semplici wahda virtwali[19];

"Illi l-Qorti trid tistqarr li hija thaddan il-fehma li, kemm jista' jkun, att gudizzjarju ghandu jigi salvat. Hija wkoll il-fehma shiha taghha li jekk kawza tista' tigi sanata, dan taghmlu fil-limiti li l-ligi taghtiha s-setgha li taghmel dan. Izda, fic-cirkostanzi prezenti, n-nuqqas radikali fl-atti kostitutivi tal-kawza ma jaghtux is-setgha lill-Qorti li tinjora dak li huwa minimament mehtieg taht il-pretest tal-pratticita`. Li kieku kellu jsir hekk, jigi ma jiswa xejn li l-legislatur irid li d-Dikjarazzjoni mahlufa tkun element essenzjali ta' kull citazzjoni valida. Meta l-legislatur juri fehma bhal din, din il-Qorti tkun l-ewwel wahda li thaddan zvilupp bhal dan. Sadattant, il-Qorti hija marbuta bil-harsien tal-ligi;

"Illi ghalhekk, m'huwiex il-kaz li issa wiehed jghaddi biex jistharreg l-ilment tal-atturi *nomine* dwar is-smigh mill-gdid tal-kawza li s-sentenza taghha huma qeghdin jitolbu t-thassir taghha, u dan peress li l-ewwel eccezzjoni, li jitqies li hija misthoqqa, "qatlet" il-gudizzju."

[17] Art 156(3) tal-Kap 12

[18] Ara Kumm. C.S. **4.11.1988** fil-kawza fl-ismijiet *Carmelo Galea vs Paolo Cuschieri* (mhix pubblikata) u App. Kumm. **9.1.1989** fil-kawza fl-simijiet *Kissaun noe vs Fenech noe* (Kollez. Vol: **LXXIII.ii.413**)

[19] Ara P.A. MCC **14.5.1970** fil-kawza fl-ismijiet *Victor H. Debono et vs Onor. Dr Vincent Tabone et* (mhix pubblikata), sentenza parzjali li taghti tifsira dettaljata u studjata ta' din l-eccezzjoni u l-effetti taghha.

**7.** Il-Floriana Football Club appella minn din id-decizjoni. L-aggravji tieghu huma bazikament tnejn, u jistghu jigu sintetizzati hekk:

a. Il-Floriana Football Club ghandu personalita` guridika separata u distinta minn dik tal-membri tieghu, b'mod ghalhekk li japplika ghalih dak li jinghad fl-Artikolu 181A tal-Kap. 12. Ghalhekk ma setghetx tintlaqa' l-eccezzjoni "tal-illegittimita` tal-persuna tal-attur, billi l-attur, l-assocjazzjoni, kienet certament persuna legittima u intitolata biex tirritratta sentenza li nghatat mill-Qorti fil-konfront taghha." Inoltre, galadarba l-assocjazzjoni kellha personalita` guridika hekk separata u distinta, kien japplika f'dan il-kaz dak li jipprovdi l-Artikolu 786A tal-Kap. 12 "li jeskludi l-eccezzjoni tal-illegittimita` tal-persuna fil-konfront tar-rappresentant ta' korp li jkun jgawdi personalita` guridika distinta". Skond l-appellant kien dan l-Artikolu 786A li kellu japplika u mhux, kif ghamlet l-ewwel Qorti, l-Artikolu 787 – apparti li "ma hemm l-ebda prova li turi li min halef id-dikjarazzjoni ma kienx regolarment awtorizzat jaghmel dak l-att."

b. Inoltre, dejjem skond l-appellant, id-dikjarazzjoni inhalfet skond l-imsemmi Artikolu 181A, u l-mizuri dixxiplinari mehudin mill-Malta Football Association b'ebda mod ma kienu jincidu fuq l-organizzazzjoni interna tal-Club u ghalhekk dik il-mizura dixxiplinari "bl-ebda mod ma tnaqqas jew tnehhi r-rappresentanza vestita fil-president u fil-membri l-ohra sakemm l-istess Club ma jkunx irrimwova lil dik il-persuna mill-kariga." Skond l-appellant, Burke kien perfettament awtorizzat biex jippresenta l-att in kwistjoni f'ismu (cioe` f'isem il-Club). Jikkontendi wkoll l-appellant li s-sospensjoni ta' Burke kienet wahda temporanja – "…fil-kors tas-smigh tal-kawza s-sospensjoni ta' Burke minn president kienet tnehhiet u ghalhekk il-fatt li huwa gie reintegrat fil-kariga tieghu ssana kwalsiasi irregolarita` li seta kien hemm fir-rappresentanza tal-Club." Ghal kull buon fini flimkien mar-rikors ta' appell giet presentata risoluzzjoni "li tiddikjara li 'l fuq imsemmija (*sic!*) Dennis Burke kien regolarment kostitwiti (*sic!*) biex jippresenta u jahlef l-att tar-ritrattazzjoni." Fl-ahharnett l-appellant jilmenta li "huwa daqsxejn difficli li wiehed jaccetta li assocjazzjoni tista' tigi,

minhabba katina ta' incidenti u zbalji, ikkundannata thallas somma relevantissima ta' flus minghajr qatt ma tkun inghatat l-opportunita` li tiddefendi l-interessi taghha."

**8.** Din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa l-atti kollha, inkluza wkoll ir-risposta ta' l-appellati, tibda biex tosserva li xejn ma jiswa lill-appellant jilmenta minn "katina ta' incidenti u zbalji" jekk ghal xi incident jew zball f'dik il-katina kien b'xi mod jahti hu jew lil min hu halla li jidher ghalih b'mod irregolari jew mhux skond il-ligi. Minn qari akkurat tas-sentenza huwa evidenti li l-pern tal-kwistjoni kollha ma hix proprjament jekk ic-citazzjoni setghetx tigi promossa mit-tliet persuni fizici – Burke, Mattocks u Debattista – f'isem il-Floriana Football Club. Il-veru pern tal-kwistjoni hija jekk jistax jinghad li d-dikjarazzjoni guramentata – u li bilfors trid tigi guramentata minn persuna fizika – saritx skond il-ligi. Infatti, iz-zewg paragrafi saljenti fis-sentenza appellata huma s-segwenti:

**"Il-konsegwenza ta' dan is-sejbien [20] hi illi, allura, d-Dikjarazzjoni mahlufa mressqa mal-Att tac-Citazzjoni ma tiswiex lanqas, billi, safejn tirrigwardaha, l-ewwel eccezzjoni ta' l-imharrkin ritrattati hija misthoqqa. Peress li ghas-siwi tac-Citazzjoni hija essenzjali, fost l-ohrajn, Dikjarazzjoni mahlufa li tiswa wkoll, l-effett logiku daqskemm drastiku ta' din ic-cirkostanza jkun li c-Citazzjoni ma tiswiex. In-nuqqas ta' dan il-kalibru huwa wiehed li jgib in-nullita` testwali kif mahsub fl-artikolu 789(1)(a) tal-Kap. 12, u mhux semplici wahda virtwali.**

**"Illi l-Qorti trid tistqarr illi hija thaddan il-fehma li, kemm jista' jkun, att gudizzjarju ghandu jigi salvat. Hija wkoll il-fehma shiha taghha li jekk kawza tista' tigi sanata, dan taghmlu fil-limiti li l-ligi taghtiha s-setgha li taghmel dan. Izda fic-cirkostanzi prezenti, n-nuqqas radikali fl-atti kostitutivi tal-kawza ma jaghtux is-setgha lill-Qorti li tinjora dak li huwa minimament mehtieg taht il-pretest tal-pratticita`. Li kieku kellu jsir**

[20] Cioe` li Burke "mhux biss ma kienx debitament awtorizzat biex iressaq l-att u jahlef id-Dikjarazzjoni mehmuza maghha, imma lanqas kien statutorjament jista' jidher fuq tali atti bhala l-President tal-*club* attur."

**hekk, jigi ma jiswa xejn li l-legislatur irid li d-Dikjarazzjoni mahlufa tkun element essenzjali ta' kull citazzjoni valida. Meta l-legislatur juri fehma bhal din, din il-Qorti tkun l-ewwel wahda li thaddan zvilupp bhal dan. Sadattant, il-Qorti hija marbuta bil-harsien tal-ligi."**

**9.** Is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 181A jipprovdi testwalment hekk: *"Kull dikjarazzjoni, jew skrittura li ghandha tinhalef skond il-ligi ghandha, fil-kaz ta' korp li jkollu personalita` guridika distinta, tinhalef mill-persuna jew persuni li jkollhom ir-rappresentanza guridika ta' dak il-korp jew minn kull segretarju tal-kumpannija jew minn kull persuna ohra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tipprezenta atti gudizzjarji f'ismu jew li jaghmel dikjarazzjoni, nota ta' eccezzjonijiet jew skrittura bhal dawk imsemija."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

**10.** Issa, skond l-istatut tal-Floriana Football Club, li kopja tieghu[21] giet presentata mill-konvenuti appellati quddiem l-ewwel Qorti u li l-korrettezza tieghu ma giet b'ebda mod kontestata, is-Segretarju kif ukoll il-President ghandhom ir-rappresentanza tal-Club quddiem il-Qorti – ara r-regolament 3(d)(viii) a fol. 124. Mill-provi migbura quddiem l-ewwel Qorti jirrizulta wkoll li, b'rizultat ta' proceduri dixxiplinari li ttiehdu mill-Malta Football Association, Dennis Burke ma baqax jirrivesti l-posizzjoni ta' President fi hdan il-Club in kwistjoni bejn Mejju u Ottubru tas-sena 2001. Huwa minnu, kif tajjeb josserva l-appellant, li s-semplici fatt li jkunu ittiehdu "mizuri dixxiplinari" mill-M.F.A. ma jfissirx neccessarjament li l-president ta' club tal-football jispicca minn president ghall-finijiet interni tal-club – ma hemm xejn fl-atti li juri li l-M.F.A. ghandha xi setghat li tbiddel hi direttament il-kumitati jew ir-rappresentanza guridika tal-clubs assocjati maghha. Pero` bhala fatt irrizulta li bejn Mejju u Ottubru 2001 – u dikjarazzjoni akkompanjanti c-citazzjoni giet mahlufa fil-21 ta' Gunju 2001 -- Burke ma baqax fil-kariga ta' President ghaliex proprju ghal dak il-perjodu inhatar Agent President George Carbone. In fatti dana Carbone,

[21] Fol. 121 *et seq.* tal-atti.

prodott mill-istess atturi, xehed hekk quddiem l-ewwel Qorti fl-udjenza tal-10 ta' April 2002 (ara fol. 112 tal-atti):

**"Fil-periodu bejn Mejju u Ottubru tas-sena li ghaddiet 2001 jiena kont ukoll inhaddan il-kariga ta' Agent President tal-istess assocjazzjoni…Jien kelli niehu l-kariga ta' Agent President tal-assocjazzjoni minhabba xi mizuri dixxiplinari li ttiehdu fil-konfront ta' l-istess Dennis Burke mill-MFA illi bihom ma setax ikompli jhaddan il-kariga ufficjalment u allura jiena mlejt f'dawk ix-xhur li semmejt il-kariga *figure head* tal-assocjazzjoni."**

**11.** Din is-sitwazzjoni hija konfermata minn dak li xehed l-istess Burke quddiem l-Assistent Gudizzjarju fit-8 ta' Marzu 2002, b'dak li xehed Joseph Gauci fil-15 ta' Marzu 2002, kif ukoll b'dak li xehed Pierre Mattocks, ukoll fil-15 ta' Marzu 2002:

**"Jien niftakar iz-zmien meta s-Sur Burke gie sospiz mill-"MFA". Wara li gie sospiz kienu jsiru "meetings" tal-Kumitat u dawn kienu jsiru l-"Vilhena". Is-Sur Burke gieli kien jattendi <u>bhala osservatur, imma ma kienx ikun attiv</u>. <u>Il-kariga ta' president ma zammiex</u>. Jekk mhiniex sejjer zball hu gie sostitwit b'George Carbone."** (sottolinear tal-Qorti).

**12.** Dan kollu hu wkoll konfermat bid-Dokument JG1 a fol. 41 li juri lil George Carbone bhala "Acting President". Issa, kif inhu risaput, meta persuna tirrivesti xi kariga bhala "agent" ("acting"), hija dik il-persuna li tkun effettivament qed tezercita, salv prova kuntrarja, il-poteri kollha ta' dik il-kariga; u anke jekk ikun ghad hemm persuna ohra li tkun ghadha fil-kariga originali (i.e. mhux "acting"), <u>din</u> tkun il-*figure head* u mhux min ikollu l-kariga *qua* agent. Isegwi neccessarjament li meta Dennis Burke halef id-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni fil-21 ta' Gunju 2001 huwa <u>ma kellux</u> ir-rappresentanza guridika tal-Club, u anqas ingabet xi prova li <u>dak in-nhar</u> huwa kien "awtorizzat bil-miktub minn dak il-korp" sabiex jippresenta atti gudizzjarji f'ismu jew li jaghmel dikjarazzjoni. Xejn ma

jiswa ghall-appellant li jinvoka l-Artikolu 786A[22] tal-Kap. 12. Din id-disposizzjoni ma hix intiza bhala xi forma ta' *carte blanche* biex min ifettillu jghid li ghandu r-rappresentanza guridika ta' ez. Club jista' legalment jahlef id-dikjarazzjoni a nom ta' dak il-Club, jew jippresenta skrittura f'isem dak il-Club fit-termini ta' l-Artikolu 180(1)(a) tal-Kap. 12. L-iskop ta' l-Artikolu 786A – kif ukoll ta' l-Artikolu 786(1) – hu li, galadarba tkun stabbilita r-rappresentaza guridika tal-korp jew il-kariga ta' kaptan tal-bastiment li jkun (ghall-finijiet tal-Art. 786A) jew ikun gie stabbilit li persuna hija verament l-ekonomu tal-Kurja jew li verament hemm in-ness ta' missier u tifel taht l-eta`, jew li verament persuna hija l-prokuratur ta' knisja, xirka, sptar ecc. (ghall-finijiet tal-Art. 786(1)) – stabbilit dan ma tistax tinghata (u jekk tinghata, ghandha tigi respinta) l-eccezzjoni ta' l-illegittimita` tal-persuna, in kwantu dik il-persuna tkun qed tirrapresenta lil haddiehor, u dan irrispettivament min-natura tal-kawza li tkun jew il-meritu involut.

**13.** Xejn ma jiswa li in segwitu ghall-21 ta' Gunju 2001 Burke seta' rega' assuma temporaneament il-kariga ta' president tal-Club, cioe` wara li kienet skada t-terminu tas-sospensjoni tieghu fl-4 ta' Ottubru 2001 sa ma gie elett l-Avukat Hugh Peralta bhala president[23] -- dak li hu relevanti huwa jekk fil-21 ta' Gunju 2001 hu kienx jirrivesti l-kariga minnu vantata ta' president li, kif rajna, ma kienx. Finalment, anqas ma tista' din il-Qorti taghti xi piz lid-dokument anness mar-rikors ta' appell. Dan id-dokument, li hu datat 3 ta' Frar 2003 u jidher iffirmat minn "Alfred Cauchi, Segretarju" fuq karta li tidher li hi ufficjali tal-Floriana Football Club, ighid hekk: *"Risoluzzjoni mehuda unanimament mill-Kunsill tal-Floriana Football Club. Li biha il-Floriana Football Club, filwaqt li jirrikonoxxi u jikkonferma li Dennis Burke kien awtorizzat u intitolat li*

[22] **786A**: "Ma tistax tinghata l-eccezzjoni ta' l-illegittimita` kontra xi wahda mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 181A fil-kaz ta' korp li jkollu personalita` guridika distinta, u fil-kaz ta' persuna msemmija fis-subartikolu (7) ta' l-artikolu 187 fil-kaz ta' bastiment jew bicca ohra tal-bahar."

[23] "Wara li ghaddew id-disa' xhur [tas-sospensjoni] kien hemm ftit gimghat, xi tliet gimghat li jien bqajt fil-kariga ta' President. Imbaghad gie mahtur Dr. Hugh Peralta. Qed tigi proposta d-data li gie mahtur Dr. Hugh Peralta bhala 27 jew l-ahhar gimgha ta' Ottubru u jien nikkonferma din id-data."

*jirrapresenta lill-Floriana Football Club fil-proceduri gudizjali* (sic) *mahruga kontra il-Club minn Anthony u Mary sive Moira Grech Sant, u dan sia in difiza kif ukoll bhala attur, qieghed inoltre bil-presenti u ghal kull buon fini u effetti tal-ligi jissana u jirratifika dak kollu li Dennis Burke s’issa ghamel fl-imsemija atti (inkluz fil-kawza ta’ ritrattazzjoni promossa mill-Floriana FC) sia fil-Qorti ta’ Prim Istanza kif ukoll ta’ l-Appell, u dak kollu fil-futur li jaghmel fl-istess.”* Issa, apparti li mid-dokumenti in atti, senjatament mill-kopja ta’ l-iStatut ezibit a fol. 121 *et seq.*, ma hemm ebda organu ta’ l-imsemmi Club li jissejjah “Kunsill”, u apparti li dana d-dokument ma jaghmilx prova tal-kontenut tieghu (ara Artikoli 627 *et seq.* tal-Kap. 12), hu evidenti li nullita` tant radikali bhalma hi nuqqas tad-dikjarazzjoni skond il-ligi akkompanjanti c-citazzjoni ma tistax tigi rimedjata *ex post facto* bl-espedjent ta’ semplici dokument anness mar-rikors ta’ appell.

**14.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ dana l-appell ghandhom jigu sopportati mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------